# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.2

## Kap 9: Agħti u Jingħatalek

## Lezzjoni 9.2: Għandek x'tagħtini

## L-Għanijiet:

**F'din il-lezzjoni l-istudenti:**



1. Jaħsbu x'inhuma l-kwalitajiet u talenti tagħhom li jistgħu jintużaw għall-ġid tal-grupp;
2. Jiddiskutu rwoli differenti fi grupp permezz ta' sitwazzjoni mill-ħajja ta' kuljum fl-iskola;
3. Jidentifikaw ċirkustanza meta huma wżaw it-talenti u l-ħiliet tagħhom għall-ġid tal-oħrajn;
4. Jaħsbu x'inhuma l-kwalitajiet u t-talenti tagħhom li jistgħu jintużaw għall-ġid tal-grupp.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Karta ta' taħriġ 9.1.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lill-istudenti jsemmu ċirkustanza meta huma stess kellhom jaħdmu fi grupp.
- Staqsi dwar ir-rwol li kellhom fil-grupp u biex jispjegaw ftit kif ħassewhom f'dak ir-rwol partikolari.
- Fl-aħħar staqsi jekk hemmx xi ħadd mill-istudenti li qatt ma kellu esperjenza ta' xogħol fi grupp jew li ma tħalliex jagħti sehmu u għaliex. X'jaħsbu l-istudenti l-oħra dwar din is-sitwazzjoni?



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Fakkar li kif rajna fl-ewwel lezzjoni u wkoll fid-diskussjoni tal-bidu, li huwa importanti ħafna li kulħadd jagħti sehmu fil-grupp. Importanti wkoll li ma nħallu lil ħadd barra.
- Spjega kif fil-lezzjoni tal-lum ser nitkellmu dwar kemm hu sabiħ li aħna nużaw it-talenti u l-ħiliet tagħna biex il-grupp li qed naħdmu fih jirnexxi.
- Aqsam l-istudenti fi gruppi ta' 4.
- Stieden lill-istudenti sabiex jiftħu l-ktieb u jsibu lezzjoni 9.1. Aqra s-silta mogħtija .
- Fakkar fl -**audio files** lill-istudenti. Staqsi lill-istudenti liema gruppi semmew it-tfal. Jekk hemm bżonn erġa' semmagħhomlhom.

- Stieden lill-istedenti jaħdmu Attività A u B.

  a) F'Attività A, l-istudenti jaħsbu x'inhuma l-ħiliet jew t-talenti tagħhom li jistgħu jkunu utli għall-proġett u jinkitbu fil-*worksheet* u jiddiskutu kif ser iqassmu x-xogħol bejniethom u x'ser ikun ir-rwol ta' kull membru tal-grupp. Hawnhekk tista' tistidinhom jiddiskutu x'jiġri jekk xi ħadd minnhom jirrifjuta li jagħti sehmu fil-proġett.

  b) Attività B ser jiddiskutu x'jagħmel grupp tajjeb u b'saħħtu u l-valuri li Ġesù jridna nħaddnu meta fi grupp per eżempju – ir-rispett – is-smigħ – il-*commitment*.

- Stieden persuna minn kull grupp taqsam dak li ddiskutew sħabha mal-kumplament tal-klassi.

- Aqra Attività C u wara li tiddiskuti l-istorja u l-mistoqsijiet fakkar li min jikkritika, ma jagħmel qatt xejn u ma jkunx committed u ma jkunx parti mit-tim u ħa jbati kulħadd.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Biex grupp jew tim jimxi 'l quddiem m'għandix nagħti kas ta' x'se nirċievi biss imma wkoll x'sehem se nagħti jien.
2. Meta aħna naqsmu l-kwalitajiet sbieħ li għandna mal-oħrajn u nużaw it-talenti u l-ħiliet tagħna għall-ġid ta' xulxin, inkunu qegħdin ngħinu biex tikber l-għaqda fit-tim jew komunità tagħna.
3. Jekk kulħadd jagħti u jaqsam dak li għandu mal-oħrajn, jintebaħ li jkun qed jirċievi ħafna aktar milli ta.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-talenti li għandi jien m'għandix inżommhom għalija biss, imma għandi nsib modi kif nużahom għall-ġid tal-oħrajn. Meta nagħmel hekk ma nkunx biss qed nuri mħabba lejn l-oħrajn, imma nkun qed nikber ukoll bħala persuna aħjar.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu



Mulej, illum tkellimna dwar it-talenti li inti għoġbok iżżejjinna bihom. Dawn inti tajthomlna mhux biex noqogħdu niftaħru bihom jew nuru li aħna xi ħaġa speċjali. Inti tajtna t-talenti u l-ħiliet biex niżviluppawhom u nużawhom għall-ġid tagħna u ta' sħabna. Grazzi ta' dawn ir-rigali sbieħ. Għinna ħalli nużawhom kif inti tixtieq minna.

Ammen.